II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 418/2013

tat-3 ta' Mejju 2013

li jimponi dazju proviżorju antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbli li joriġinaw mill-Indja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Il-bidu

(1) Fit-10 ta' Awwissu 2012, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") ħabbret, b'notifika ppubblikata *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) ("notifika tal-inizjazzjoni"), li l-inizjazzjoni ta' proċediment antidumping fir-rigward tal-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni") ta' ċerti qfieli tal-azzar li ma jissaddadx u l-partijiet tagħhom li joriġinaw mill-Indja ("il-pajjiż ikkonċernat").

(2) Fl-istess jum, il-Kummissjoni ddikjarat, permezz ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]), il-bidu ta' proċedura antidumping fir-rigward ta' importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbli li joriġinaw mill-Indja u bdiet investigazzjoni separata ("il-proċedura anti-sussidju").

(3) Il-proċedura amti-dumping ġiet inizjata wara ilment ippreżentat fit-28 ta' Ġunju 2012 mill-Federazzjoni Ewropea tal-Industriji tal-Ħadid u l-Azzar (Eurofer) ("il-kwerelant") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw proporzjon kbir, f'dan il-każ ta' aktar minn 50 %, tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' ċerti wajers tal-azzar inossidabbli. L-ilment kien jinkludi evidenza prima facie ta' dumping tal-prodott imsemmi u tad-dannu materjali li jirriżulta minnu, li kien ikkunsidrat biżżejjed sabiex ikun iġġustifikat il-bidu ta' investigazzjoni.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
([2]) ĠU C 240, 10.8.2012, p. 15.
([3]) ĠU C 240, 10.8.2012, p. 6.

1.2. Partijiet ikkonċernati mill-investigazzjoni

(4) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-kwerelant, lil produtturi magħrufa oħrajn tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa, lill-importaturi u lill-utenti magħrufa, u lill-awtoritajiet Indjani dwar l-inizjazzjoni tal-proċediment.

(5) Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jispjegaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu smigħ fil-limitu taż-żmien stabbilit fin-notifika ta' bidu. Il-partijiet interessati kollha, li talbu dan u wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ingħataw smigħ.

(6) Fid-dawl tal-għadd kbir ta' produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat, lill-importaturi mhux relatati u produtturi tal-Unjoni involuti f'dan il-proċediment u biex tlesti l-investigazzjoni fil-limiti ta' żmien statutorji, il-Kummissjoni ħabbret fin-notifika ta' inizjazzjoni li hi ddeċidiet li tillimita għal għadd raġonevoli l-produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat, lill-importaturi mhux relatati u produtturi tal-Unjoni li se jkunu investigati billi jagħżlu kampjun skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku (dan il-proċess jissejjaħ ukoll "teħid ta' kampjuni").

1.2.1. *It-teħid ta' kampjuni ta' produtturi esportaturi*

(7) Biex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk it-teħid tal-kampjuni kienx meħtieġ u jekk inhu hekk, biex tagħżel kampjun, il-produtturi esportaturi, l-importaturi u l-produtturi tal-Unjoni ntalbu jiddikjaraw ruħhom mal-Kummissjoni u jipprovdu informazzjoni speċifikata fin-notifika ta' inizjazzjoni.

(8) B'kollox, 18-il produttur esportatur, uħud jappartjenu għall-istess grupp, ipprovdew l-informazzjoni mitluba, qabel li jkunu inklużi fil-kampjun u 7 minnhom talbu għal eżami individwali fil-każ li ma jkunux inklużi fil-kampjun. Ħmistax minn dawk il-kumpaniji li kkooperaw

irrapurtaw esportazzjonijiet ta' wajers tal-azzar inossidabbli lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Għalhekk, il-kampjun intgħażel abbażi tal-informazzjoni li taw dawn il ħmistax-il produtturi esportaturi.

(9) Skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ibbażat fuq l-ikbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet tal-prodott lill-Unjoni li jista' jkun investigat b'mod raġonevoli fil-ħin disponibbli. Il-kampjun magħżul ikkonsista f'żewġ kumpaniji individwali u grupp wieħed ta' kumpaniji li kien jikkonsisti f'erba' kumpaniji relatati, li flimkien jirrappreżentaw aktar minn 63 % tal-volum totali ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni tal-prodott ikkonċernat.

(10) Skont l-Artikolu 17 (2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi kollha magħrufa kkonċernati u l-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat ġew ikkonsultati dwar l-għażla ta' kampjun rappreżentattiv. Ma sarux kummenti dwar l-għażla tal-kampjun.

(11) Kif imsemmi fil-premessa (9) hawn fuq, il-kampjun kien limitat għal għadd raġonevoli ta' kumpaniji li jistgħu jkunu investigati fiż-żmien disponibbli. Il-kumpaniji investigati għall-iskop tal-investigazzjoni huma elenkati fil-premessa (19) hawn isfel.

(12) Barra minn hekk, kif imsemmi fil-premessa (8) hawn fuq, inizjalment 7 talbiet għal eżaminazzjoni individwali ġew sottomessi. Għalhekk kien ikkunsidrat f'dan l-istadju li eżaminar individwali jkun ta' piż żejjed mhux ġustifikat u jimpedixxi t-twettiq fil-ħin tal-investigazzjoni.

(13) Madankollu, it-talbiet li saru mill-esportaturi li ressqu l-informazzjoni meħtieġa fil-limiti taż-żmien se jiġu eżaminati fil-bqija tal-investigazzjoni.

1.2.2. *It-teħid ta' kampjuni tal-produtturi tal-Unjoni*

(14) Fin-notifika ta' inizjazzjoni, il-Kummissjoni ħabbret li kienet għażlet proviżorjament kampjun ta' produtturi tal-Unjoni. Dan il-kampjun inizjalment kien jikkonsisti f'ħames produtturi li kienu magħrufa lill-Kummissjoni qabel ma ngħata bidu għal din l-investigazzjoni li jiġu prodotti wajers tal-azzar inossidabbli fl-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun abbażi tal-bejgħ, il-volum tal-produzzjoni u l-pożizzjoni ġeografika. Fin-notifika ta' inizjazzjoni l-partijiet interessati ġew mistiedna wkoll iressqu l-fehmiet tagħhom dwar il-kampjun proviżorju. Ma wasal l-ebda kumment dwar il-kampjun propost. L-analiżi tat-tweġibiet għall-kwestjonarju wriet li produttur wieħed tal-Unjoni magħżul kellu kumpanija relatata involuta wkoll fil-produzzjoni u l-bejgħ tal-fili tal-azzar inossidabbli. Din il-kumpanija relatata kienet għalhekk inkluża wkoll fil-kampjun. B'hekk, is-sitt produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun jammontaw għal 46.5 % tal-produzzjoni totali stmata tal-Unjoni. Il-kampjun jitqies li hu rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

1.2.3. *Teħid ta' kampjuni tal-importaturi*

(15) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk hux se jkun neċessarju t-teħid ta' kampjuni u, jekk iva, tagħżel kampjun, l-importaturi kollha mhux relatati kienu mitluba jidentifikaw ruħhom mal-Kummissjoni u jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-notifika ta' inizjazzjoni.

(16) B'kollox disa' importaturi mhux relatati ppreżentaw l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. Il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' tliet kumpaniji li jammontaw għal 23,8 % tal-importazzjonijiet Indjani lejn l-Unjoni matul il-Perjodu ta' Investigazzjoni fuq il-bażi tal-akbar volum ta' importazzjonijiet fl-Unjoni. Madankollu, żewġ importaturi magħżula fil-kampjun ma ppreżentawx it-tweġibiet għall-kwestjonarju. Għalhekk, it-teħid ta' kampjuni f'dan l-istadju tal-investigazzjoni ma setax jiġi applikat u l-kooperazzjoni se terġa tiġi mitluba mill-importaturi fil-bqija tal-investigazzjoni.

1.2.4. *It-tweġibiet għall-kwestjonarju u ż-żjarat ta' verifika*

(17) Intbagħtu kwestjonarji lil tliet (gruppi ta') produtturi esportaturi fil-kampjun fl-Indja u lill-produtturi esportaturi li talbu eżami individwali, għas-sitt produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, lit-tliet importaturi mhux relatati inklużi fil-kampjun u lil disa' utenti magħrufa.

(18) Waslu tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand it-tliet (gruppi ta') produtturi esportaturi fil-kampjun fl-Indja kif ukoll minn tnejn minn dawk il-produtturi esportaturi li kienu talbu eżami individwali, is-sitt produtturi tal-Unjoni magħżula għall-kampjun, importatur wieħed mhux relatat u tliet utenti.

(19) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha pprovduta mill-partijiet interessati u li qieset meħtieġa għal determinazzjoni proviżorja tad-dumping, id-dannu li rriżulta u l-interess tal-Unjoni. Saru żjarat ta' verifika fl-istabbilimenti tal-partijiet li ġejjin:

Produtturi tal-Unjoni:

— Hagener Feinstahl GmbH, Hagen, il-Ġermanja;

— Inoxfil S.A., Igualada, Spanja;

— Rodacciai SPA, Milano, l-Italja;

— Trafilerie Brambilla SPA, Calziocorte, l-Italja;

— Ugitech Group:

  — Ugitech France S.A., Bourg en Bresse, Franza;

  — Sprint Metal Edelstahl, Hemer, il-Ġermanja.

Produtturi esportaturi fl-Indja:

— Raajratna Metal Industries, Ahmedabad, Gujarat;

— Viraj Profiles Vpl. Ltd., Thane, Maharashtra;

— Venus group:

— Venus Wire Industries Pvt. Ltd, Mumbai, Maharashtra;

— Precision Metals, Mumbai, Maharashtra;

— Hindustan Inox Ltd., Mumbai, Maharashtra.

1.3. **Il-perjodu ta' investigazzjoni u l-perjodu kkunsidrat**

(20) L-investigazzjoni tad-dumping u d-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' April 2011 sal-31 ta' Marzu 2012 ("il-perjodu tal-investigazzjoni" jew il-"PI"). L-eżami tat-tendenzi rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sa tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

2. **IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI**

2.1. **Il-prodott ikkonċernat**

(21) Il-prodott ikkonċernat huwa wajer tal-azzar inossidabbli li fih skont il-piż:

— 2,5 % jew iktar tal-piż tiegħu huwa nikil, ħlief wajer li fih 28 % jew iktar imma mhux iktar minn 31 % tal-piż tiegħu huwa nikil u 20 % jew iktar imma mhux iktar minn 22 % tal-piż tiegħu huwa kromju,

— inqas minn 2,5 % tal-piż tiegħu huwa nikil, ħlief wajer li 13 % jew iktar imma mhux iktar minn 25 % tal-piż tiegħu huwa kromju u 3,5 % jew iktar imma mhux iktar minn 6 % tal-piż tiegħu huwa aluminju

li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM 7223 00 19 u 7223 00 99 u li joriġina fl-Indja.

(22) Parti waħda sostniet li jeżistu tipi ta' prodotti hekk imsejħa "tekniċi ħafna " li huma differenti minn tipi oħra ta' prodott ikkonċernat prodott fl-Indja imma wkoll fl-Unjoni. Huma allegaw ukoll li kuntrarjament għall-parti l-kbira ta' tipi esportati mill-Indja lejn l-Unjoni, it-tipi tekniċi mhumiex komoditajiet iżda tipi ta' prodotti speċifiċi prodotti għal użi speċifiċi f'ċerti gradi stell u ċerti d-dijametri u m'għandhomx ikunu koperti mill-investigazzjoni.

(23) F'dan l-istadju, jidher li t-tipi tekniċi kienu parti mid-definizzjoni tal-prodott u għandhom karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi simili meta mqabbla ma' tipi oħra tal-prodott ikkonċernat. Barra minn hekk, jidher li dawn it-tipi huma prodotti wkoll minn produtturi tal-Unjoni, u għalhekk dawn it-tipi huma koperti mill-ambitu tal-investigazzjoni.

2.2. **Il-prodott simili**

(24) L-investigazzjoni li l-prodott ikkonċernat u l-prodott immanifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tal-Indja, kif ukoll il-prodott immanifatturat mill-industrija tal-Unjoni u mibjugħ fis-suq tal-Unjoni għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi u l-istess użi. Għalhekk huma proviżorjament meqjusal-istess skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

3. **DUMPING**

3.1. **Introduzzjoni**

(25) Matul iż-żjarat ta' verifika fil-postijiet tat-tliet produtturi Indjani fil-kampjun li jesportaw u l-analiżi sussegwenti tal-informazzjoni miġbura, instab li lkoll kienu ssottomettew xi informazzjoni li ma setgħux jiġu meqjusa bħala affidabbli.

(26) Fil-każ ta' produttur esportatur wieħed, il-Kummissjoni kienet sabet li l-ispejjeż rrapurtati fit-tweġiba tagħha tal-kwestjonarju ma kinitx konformi u ma setgħux jiġu rrikonċiljati mal-ispejjeż rrappurtati fis-sistema interna ta' kontabbiltà tal-produttur.

(27) Il-produttur esportatur allega li d-differenzi osservati bejn l-ispejjeż irrapurtati lill-Kummissjoni u l-ispejjeż li nstabu fis-sistema tal-kontabbiltà interna matul iż-żjara ta' verifika kienu dovuti għal żbalji fir-reġistrazzjoni tat-tranżazzjonijiet u għal differenzi fil-metodi ta' kontabilità, b'mod partikolari fir-rigward tal-konsum tal-materja prima. Il-produttur esportatur argumenta li d-dejta fis-sistema tal-kontabbiltà interna ma kinitx affidabbli u m'għandhix tintuża għall-iskopijiet tal-investigazzjoni. Għalkemm il-produttur esportatur ilu juża l-istess sistema ta' kontabilità għal diversi snin, huwa stqarr li l-Kummissjoni għandha tibbaża l-analiżi tagħha fuq l-ispejjeż rrapurtati fit-tweġiba għall-kwestjonarju, mhux fuq id-dejta tal-ispiża li tkun tinsab f'sistema tal-kontabilità interna tal-kumpanija.

(28) Ta' min jinnota li, filwaqt li d-dejta li hemm fis-sistema tal-kontabbiltà interna kienet konsistenti mar-rapporti finanzjarji awditjati provduti mill-produttur esportatur, ma kienx possibbli li jiġi stabbilit matul iż-żjara ta' verifika r-rikonċiljazzjoni u għalhekk ir-rabta bejn it-tabelli tal-ispejjeż speċifikament ippreparati għal din l-investigazzjoni u d-dejta li kien hemm fis-sistema interna ta' kontabbiltà. Għalhekk, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, huwa kkunsidrat li l-informazzjoni misjuba fis-sistema tal-kontabilità tal-produttur esportatur għandha tintuża għall-għan ta' din l-investigazzjoni dwar l-antidumping.

(29) Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni proviżorjament aġġustat id-dejta dwar l-ispejjeż ipprovduta mill-produttur esportatur imsemmi fit-tweġiba tiegħu għall-kwestjonarju billi użat fatti disponibbli fis-sistema interna ta' kontabbiltà.

(30) Fil-każ tat-tieni produttur esportatur, il-Kummissjoni sabet li x-xiri u l-konsum tal-materja prima rrappurtati lill-Kummissjoni fit-tweġiba tiegħu għall-kwestjonarju ma kinux appoġġati mid-dejta li tinsab fis-sistema ta' ġestjoni tal-inventarji tal-produttur. B'mod partikolari, jidher li d-distribuzzjoni għal kull tip ta' azzar kienet differenti fiż-żewġ sorsi. Il-Kummissjoni tinnota li l-grad tal-azzar huwa fattur ewlieni fid-determinazzjoni tal-ispiża tal-prodott finali. Informazzjoni mhux ta' min wieħed

joqgħod fuqha dwar il-grad tal-azzar tista' tgħawweġ serjament il-kalkoli tal-ispejjeż u l-prezzijiet tal-bejgħ ta' tipi ta' prodott individwali u għalhekk tista' tkun qarrieqa.

(31) Il-produttur esportatur iddikjara madankollu li fajls kompjuterizzati li fihom xiri ta' materja prima miġbura mill-Kummissjoni matul iż-żjara ta' verifika ma kinux kompluti, minħabba li l-akkwist addizzjonali tal-materja prima kien saret minn unitajiet oħra fil-kumpanija, iżda dawk ix-xiri ma kinux ġew rappurtati u ma kinux inklużi fil-fajls kompjuterizzati miġbura matul iż-żjara ta' verifika u eżaminati mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-produttur esportatur sostna li d-diskrepanzi osservati fil-kwantitajiet ta' gradi tal-azzar kienu minħabba l-fatt li xi gradi tal-azzar kienu parzjalment sovrapposti ma' xulxin u li xi partijiet tal-proċess ta' produzzjoni ma kienux traċċabbli fuq il-livell ta' gradi individwali tal-azzar.

(32) Il-Kummissjoni madankollu tinnota li d-dikjarazzjoni ta' ħawn fuq li saru mill-kumpanija relatata ma' xiri ta' materja prima addizzjonali mhumiex biżżejjed biex jispjegaw id-diskrepanzi osservati fil-livell ta' gradi individwali tal-azzar. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-kumpanija allegat li mhuwiex possibbli li jsir rintraċċar eżatt mill-gradi tal-azzar individwali fl-istadji kollha tal-proċess ta' produzzjoni. Dan l-argument jkompli jdgħajjef l-affidabilità tas-sistema ta' rappurtar ta' gradi tal-azzar kollha kemm hi. L-informazzjoni mogħtija dwar gradi tal-azzar għandha tkun proviżorjament ikkunsidrata qarrieqa.

(33) Il-Kummissjoni tqis li d-distribuzzjoni rrappurtata ta' materja prima skont il-grad tal-azzar mhijiex affidabbli u għandha tkun proviżorjament mhux meqjusa u li d-determinazzjonijiet għandu isiru abbażi tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Minħabba n-nuqqas ta' affidabilità tas-sistema ta' rappurtar kollha kemm hi, ma kienx possibbli li jsiru d-determinazzjonijiet abbażi ta' kwalunkwe wieħed mill-gradi tal-azzar irrappurtati. Għalhekk il-konsum totali tal-materja prima kollha meħuda bħala entità sħiħa, mingħajr ma tikkunsidra tqassim skont il-grad tal-azzar, intuża fil-kalkolu ta' marġni ta' dumping globali għall-prodotti kollha.

(34) Fil-każ tat-tielet produttur esportatur, il-Kummissjoni sabet matul iż-żjara ta' verifika li l-flussi ta' materja prima rrappurtata fit-tweġiba tiegħu għall-kwestjonarju ma kinux konsistenti mad-dejta li tinsab fis-sistema ta' kontabilità tal-produttur. Jidher li d-distribuzzjoni għal kull grad ta' azzar kienet differenti fiż-żewġ sorsi.

(35) Il-produttur esportatur, filwaqt li ammetta xi żbalji fit-tweġiba tiegħu għall-kwestjonarju, allega li d-differenzi fil-kwantitajiet globali tal-materja prima setgħu jiġu rrikonċiljati billi jitqiesu l-bidliet fl-inventarji. Madankollu, il-kumpanija allegat ukoll li gradi tal-azzar sovraponenti jagħmluha impossibbli li wieħed jagħmel rikonċiljazzjoni eżatta għal kull grad tal-azzar individwali. Dan l-argument jkompli jdgħajjef l-affidabilità tas-sistema ta' rappurtar ta' gradi tal-azzar kollha kemm hi. L-informazzjoni mogħtija dwar gradi tal-azzar għandha tkun proviżorjament ikkunsidrata qarrieqa.

(36) Il-Kummissjoni tqis li d-distribuzzjoni rrappurtata ta' materja prima skont il-grad tal-azzar mhijiex affidabbli u għandha tkun proviżorjament mhux meqjusa u li d-determinazzjonijiet għandhom isiru abbażi tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Minħabba n-nuqqas ta' affidabilità tas-sistema ta' rappurtar kollha kemm hi, ma kienx possibbli li jsiru d-determinazzjonijiet abbażi ta' kwalunkwe wieħed mill-gradi tal-azzar irrappurtati. Għalhekk il-konsum totali tal-materja prima kollha meħuda bħala entità sħiħa, mingħajr ma tikkunsidra tqassim skont il-grad tal-azzar, intuża fil-kalkolu ta' marġni ta' dumping globali għall-prodotti kollha.

(37) Kull produttur esportatur irċieva ittra individwali li tispjega r-raġunijiet speċifiċi u dettaljati għalfejn kien meqjus li xi dejta pprovduta fit-tweġiba għall-kwestjonarju ma setgħetx tiġi aċċettata. Kienu infurmati ukoll li l-Kummissjoni kellha l-ħsieb tagħmel sejbiet proviżorji fuq il-bażi ta' fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(38) It-tliet produtturi esportaturi kollha ngħataw l-opportunità li jikkummentaw u talbu seduti li ngħataw lhom. Huma pprovdew ukoll l-osservazzjonijiet tagħhom rigward tal-applikazzjoni possibbli tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku bil-miktub. Minkejja l-ispjegazzjonijiet miksuba mill-kumpaniji, ma setgħux b'mod sodisfaċenti jiċċaraw il-kwistjonijiet deskritti hawn fuq, u li wasslu għal sostituzzjoni ta' xi ftit mid- dejta mill-aħjar fatti disponibbli.

3.2. **Il-valur normali**

(39) Għad-determinazzjoni tal-valur normali, il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat għal kull produttur esportatur fil-kampjun jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku tal-prodott simili lill-klijenti indipendenti kienx rappreżentattiv, jiġifieri jekk il-volum totali ta' dan il-bejgħ irrappreżentax mill-inqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ tal-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-PI skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni sabet li l-bejgħ globali minn kull produttur esportatur tal-prodott simili fuq is-suq domestiku kien rappreżentattiv.

(40) Il-Kummissjoni sussegwentement identifikat għall-produtturi fil-kampjun li għandhom bejgħ domestiku rappreżentattiv b'mod ġenerali dawk it-tipi ta' prodott mibjugħa fis-suq domestiku li kienu identiċi jew direttament komparabbli mat-tipi mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.

(41) Madankollu, kif ġie spjegat fit-taqsima 3.1, għal tnejn mill-produtturi esportaturi l-paraguni deskritti hawn

taħt saru fuq il-bażi tat-total tal-prodotti kollha, minflok ma sar tqabbil bejn tipi ta' prodott individwali separatament.

(42) Għal kull tip ta' prodott mibjugħ minn produttur esportatur fis-suq domestiku tiegħu u misjub li huwa identiku jew komparabbli mat-tip ta' prodott mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, ġie stabbilit jekk il-bejgħ domestiku kienx rappreżentattiv biżżejjed għall-finijiet tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott partikolari kien meqjus suffiċjentement rappreżentattiv meta l-volum totali ta' dak it-tip ta' prodott mibjugħ fis-suq domestiku lil klijenti indipendenti matul il-PI rrappreżenta mill-inqas 5 % tal-ammont totali tat-tip ta' prodott identiku jew kumparabbli mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.

(43) Il-Kummissjoni sussegwentement eżaminat jekk il-bejgħ domestiku ta' kull kumpanija fil-kampjun jistax ikun ikkunsidrat bħala mibjugħ fl-andament ordinarju ta' kummerċ skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Dan sar billi ġie stabbilit il-proporzjon tal-bejgħ bi qligħ lill-klijenti indipendenti fis-suq domestiku matul il-PI.

(44) Fejn il-volum tal-bejgħ ta' tip ta' prodott, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett ugwali għal jew iżjed mill-ispiża kkalkolata tal-produzzjoni, kien jirrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum tal-bejgħ totali ta' dak it-tip, u fejn il-prezz medju mwieżen ta' dak it-tip kien ugwali għal jew ogħla mill-ispiża tal-produzzjoni, il-valur normali ġie bbażat fuq il-prezz domestiku reali, kalkolat bħala medja mwieżna tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dak it-tip magħmul matul il-PI, irrespettivament minn jekk dan il-bejgħ kien jew ma kienx profitabbli.

(45) Meta l-ammont ta' bejgħ bi qligħ kien jirrappreżenta 80 % jew inqas tal-volum ta' bejgħ totali ta' dak it-tip, jew meta l-prezz medju mwieżen ta' dak it-tip kien inqas mill-kost ta' unità ta' produzzjoni, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku attwali, ikkalkulat bħala prezz medju mwieżen tal-bejgħ domestiku bi qligħ biss ta' dak it-tip magħmul matul il-PI.

(46) Fejn it-tipi tal-prodotti kienu nbiegħu kollha b'telf, kien ikkunsidrat li dawn ma kinux inbiegħu f'sitwazzjoni normali ta' kummerċ.

(47) Fejn ma kienx hemm bejgħ ta' tipi ta' prodott simili f'sitwazzjoni normali ta' kummerċ jew fejn tip ta' prodott ma nbiegħhax fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku, il-Kummissjoni użat valur normali maħdum, skont l-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku.

(48) Il-valur normali ġie maħdum billi żdiedet l-ispiża medja tal-produzzjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni, aġġustata fejn meħtieġ, il-medja mwieżna tal-ispejjeż tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("SG&A") imġarrba u l-profitt medju kkalkulat realizzati mill-produtturi esportaturi fil-kampjun fuq il-bejgħ domestiku tal-prodott simili, matul l-andament ordinarju tal-kummerċ, waqt il-perjodu tal-investigazzjoni, fejn meħtieġ, b'mod partikolari kif spjegat fit-taqsima 3.1 hawn fuq, l-ispiża tal-produzzjoni u l-ispejjeż SG&A ġew aġġustati, qabel ma ntużaw f'sitwazzjoni normali ta' test ta' kummerċ u fil-kalkolu tal-valur normali.

(49) Kull kumpanija tirċievi l-kalkoli dettaljati individwali tagħha użati biex jiddeterminaw valuri normali tagħhom u se jingħataw l-opportunità li jikkummentaw.

3.3. **Il-prezz tal-esportazzjoni**

(50) Il-produtturi esportaturi fil-kampjun esportaw lejn l-Unjoni jew b'mod dirett lil konsumaturi indipendenti jew permezz tal-kumpaniji relatati.

(51) Fejn il-prodott ikkonċernat ġie esportat direttament lill-klijenti indipendenti fl-Unjoni, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, jiġifieri fuq il-bażi tal-prezzijiet tal-esportazzjoni effettivament imħallsa jew li jistgħu jitħallsu.

(52) Minħabba li l-bejgħ bl-esportazzjoni lejn l-Unjoni sar permezz ta' kumpanija tal-kummerċ relatata fl-Iran, il-prezz ta' esportazzjoni ġie stabbilit skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku, jiġifieri abbażi tal-prezz li fih il-prodott importat l-ewwel ġie mibjuh lil konsumaturi indipendenti fl-Unjoni. F'dawn il-każijiet, saru aġġustamenti għall-ispejjeż kollha li saru bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, inkluż l-infiq SG&A, u għall-profitti. L-ispejjez SG&A tal-importatur relatat stess intużaw u marġni ta' qligħ raġonevoli ġie stabbilit fuq il-bażi tal-marġni tal-qligħ miksub minn importatur indipendenti tal-prodott ikkonċernat.

3.4. **Tqabbil**

(53) Il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni taż-żewġ produtturi esportaturi tqabblu fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika.

(54) Biex jiġi żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, saret konċessjoni xierqa fil-forma ta' aġġustamenti għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

(55) Fuq din il-bażi, saru aġġustamenti għal trasport, spejjeż ta' ġarr ta' merkanzija bil-baħar u ta' assigurazzjoni, spejjeż ta' tqandil, tagħbija u spejjeż anċillari, spejjeż tal-ippakkjar, spejjeż tal-kreditu, skontijiet u kummissjonijiet fejn pprovati li jaffettwaw l-paragunabilità tal-prezzijiet.

3.5. **Il-marġnijiet tad-dumping**

(56) Kif previst bl-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku, għal kull kumpanija l-valur normali medju b'piż differenzjat stabbilit għal kull tip ta' prodott tqabbel mal-medja diferenzjata tal-prezz ta' esportazzjoni ta' kull tip ta' prodott korrispondenti.

(57) Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku, minħabba l-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku għat-tliet produtturi esportaturi fil-kampjun, il-marġni ta' dumping tal-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun ma setgħux jiġu stabbiliti fuq il-bażi tal-medja tal-marġni ta' dumping tal-kumpaniji fil-kampjun.

(58) F'dan il-każ, kien meqjus xieraq li tiġi stabbilita l-marġni tad-dumping applikabbli għall-produtturi esportaturi li mhumiex inklużi fil-kampjun u li kkooperaw abbażi tal-prezz ta' esportazzjoni tagħhom, stabbilit fuq il-bażi tal-istatistika dwar l-importazzjonijiet tal-Eurostat, u l-medja tal-valur normali stabbilit għal produtturi Indjani li ttieħdu mil-kampjun sakemm il-valur normali medju ma kinx affettwat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(59) Fuq din il-bażi, il-marġini ta' dumping ikkalkulat għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inkluzi fil-kampjun kien stabbilit proviżorjament għal 28,0 %.

(60) Fir-rigward tal-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha fl-Indja, il-Kummissjoni l-ewwel stabbiliet il-livell ta' kooperazzjoni. Għal dan l-għan, sar tqabbil magħmul bejn il-kwantitajiet ta' esportazzjoni totali indikati fir-risposti ta' teħid ta' kampjuni u mal-importazzjonijiet totali mill-Indja kif jirriżulta mill-istatistiċi ta' importazzjoni tal-Eurostat. Minħabba l-livell għoli ta' koperazzjoni, il-marġni ta' dumping residwu ġie stabbilit fil-livell tal-għola marġni ta' dumping għal produtturi ta' esportazzjoni fil-kampjun.

(61) Fuq din il-bażi, il-livell nazzjonali ta' dumping kien stabbilit proviżorjament għal 32,3 %.

(62) Fuq din il-bażi, il-marġni medji proviżorji mwieżna ta' dumping, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

(*f'%*)

Kumpanija	Marġni ta' dumping proviżorju
Raajratna Metal Industries	32,3 %
Venus group	30,4 %
Viraj Profiles	24,4 %
Kumpaniji li kkoperaw li ma kinux fil-kampjun	28,0 %
Il-kumpaniji l-oħra kollha	32,3 %

4. INDUSTRIJA TAL-UNJONI

4.1. Industrija tal-Unjoni

(63) Il-prodott simili kien manifatturat minn 27 produtturi tal-Unjoni. Għalhekk dawn huma meqjusin li jikkostitwixxu l-industrija tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku u għandhom minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-industrija tal-Unjoni".

4.2. Produzzjoni tal-Unjoni

(64) L-informazzjoni kollha disponibbli rigward l-industrija tal-Unjoni, bħall-informazzjoni ppreżentata fl-ilment, id-dejta miġbura mill-produtturi tal-Unjoni qabel u wara l-bidu tal-investigazzjoni u t-tweġibiet vverifikati tal-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, intużat sabiex tiġi stabbilita l-produzzjoni totali tal-Unjoni għall-perjodu investigat.

(65) Ta' min isemmi li produttur wieħed tal-Unjoni relatat ma' produttur esportatur Indjan u li oppona l-bidu ta' din l-investigazzjoni huwa wkoll inkluż fid-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(66) Fuq din il-bażi, il-produzzjoni tal-Unjoni totali ġiet stmata għal madwar 139 141 tunnellata waqt il-PI. Din iċ-ċifra tinkludi l-produzzjoni tal-produtturi kollha tal-Unjoni li ppreżentaw ruħhom u l-volum stmat tal-produzzjoni tal-bqija tal-produtturi tal-Unjoni, li ma resqux fl-investigazzjoni.

4.3. It-teħid ta' kampjuni tal-produtturi tal-Unjoni

(67) Kif indikat fil-premessa (14) hawn fuq sitt produtturi tal-Unjoni kienu inklużi fil-kampjun li jirrappreżentaw 46.5 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni stmata tal-prodott simili.

5. DANNU

5.1. Il-konsum tal-Unjoni

(68) Il-konsum tal-Unjoni ġie stabbilit abbażi tal-volumi totali tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni u t-total tal-importazzjonijiet. Is-sena 2009 kienet ikkaratterizzata minn prezzijiet għoljin bla preċedent tan-nikil, il-materja prima ewlenija użata biex tipproduċi l-prodott ikkonċernat u l-prodott simili, u l-effetti negattivi globali tal-kriżi finanzjarja, li flimkien wasslu għal livell partikolarment baxx tal-konsum tal-Unjoni f'dik is-sena. Madankollu, is-sitwazzjoni tas-suq tjiebet, kif muri fit-tabella t'hawn taħt u l-konsum tal-Unjoni żdied b' 50 % bejn l-2009 u l-PI.

	2009	2010	2011	PI
Konsum (f'tunnellati)	131 436	187 280	196 476	197 327
Indiċi (2009 = 100)	*100*	*142*	*149*	*150*

Sors: Eurostat, tweġibiet dwar ilmenti u għall-kwestjonarju.

5.2. **Importazzjonijiet fl-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat**

5.2.1. *Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ikkonċernati*

(69) Matul il-perjodu kkunsidrat l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping lejn l-Unjoni mill-produtturi esportaturi li kkooperaw instab li żviluppaw f'termini ta' volum u ta' sehem mis-suq kif ġej:

	2009	2010	2011	PI
Volum	16 847	29 053	36 720	35 398
Indiċi (2009 = 100)	*100*	*172*	*218*	*210*
Sehem tas-suq	12,8 %	15,5 %	18,7 %	17,9 %
Indiċi (2009 = 100)	*100*	*121*	*146*	*140*

Sors: Eurostat, tweġibiet dwar ilmenti u għall-kwestjonarju.

(70) L-importazzjonijiet mill-Indja żdiedu b'mod sinifikanti b'110 % matul il-perjodu kkunsidrat. Iż-żieda kienet partikolarment evidenti bejn l-2009 u l-2010 meta l-importazzjonijiet mill-Indja żdiedu bi 72 % u meta l-konsum tal-Unjoni żdied bi 42 %. Madankollu, filwaqt li l-konsum żdied biss b'5 % bejn l-2010 u l-PI, il-volum tal-importazzjoni mill-Indja kompla jiżdied b'mod sinifikanti bi 22 % fl-istess perjodu.

(71) Is-sehem fis-suq tal-prodotti ddampjati mill-Indja żdied b'mod sinifikanti b' 40 % matul il-perjodu kkunsidrat.

5.2.2. *Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet u t-twaqqigħ tal-prezz*

(72) Kif spjegat hawn fuq fil-premessa (22) parti waħda esprimiet tħassib dwar il-fatt li l-kwestjonarju kontra d-dumping ma ppermettietx li ssir distinzjoni b'mod partikolari ċerti tipi tal-prodott ikkonċernat, li fil-fehma tagħhom huma differenti.

(73) Dan it-tħassib kien indirizzat fil-kwestjonarju billi tkabbru l-hekk imsejħa numri ta' kontroll tal-prodott (PCN) sabiex jiġu identifikati b'mod ċar it-tipi rilevanti fl-investigazzjoni b'mod partikolari għall-eżerċizzju ta' tqabbil tal-prezzijiet. F'dan l-istadju, l-investigazzjoni wriet li produtturi Indjani li jesportaw esportaw biss kwantitajiet limitati ħafna ta' dawn it-tipi tekniċi ħafna. Madankollu, huwa osservat li l-bidliet li saru fil-PCN żguraw li l-prezzijiet ta' ċerti tipi ta' prodotti ġew imqabbla direttament mal-prezzijiet ta' tipi ta' prodotti simili.

(74) It-tabella ta' hawn taħt turi l-prezz medju tal-importazzjonijiet iddumpjati:

	2009	2010	2011	PI
Prezz medju (f'EUR/tunnellata)	2 372	2 801	3 246	3 196
Indiċi (2009 = 100)	*100*	*118*	*137*	*135*

Sors: Eurostat u r-risposti tal-kwestjonarji

(75) Il-prezzijiet medji tal-importazzjoni mill-Indja żdiedu b' 35 % matul il-perjodu kkunsidrat, iżda dawn baqgħu taħt il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni matul l-istess perjodu (ara l-premessa (93) hawn taħt). Dan jispjega ż-żieda fil-volum tal-importazzjoni u ż-żieda sinifikanti b' 40 % fis-sehem tas-suq miżmum mill-esportaturi Indjani fl-istess perjodu.

(76) Sabiex jiġi ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-PI, il-prezzijiet tal-bejgħ b'medja mwieżna għal kull tip ta' prodott tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun mitluba lill-klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, u aġġustati għal livell ex-works, tqabblu mal-prezzijiet b'medja peżata korrispondenti tal-importazzjonijiet mill-produtturi Indjani li kkooperaw lejn l-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbilit fuq bażi CIF, b'aġġustamenti adegwati għal-kosti ta' wara l-importazzjoni.

(77) Ir-riżultat tat-tqabbil, meta espress bħala perċentwali tal-fatturat tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-PI, wera marġni ta' twaqqigħ b'medja peżata ta' 15 % mill-importazzjonijiet iddumpjati mill-pajjiż ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni. Il-prezzijiet aktar baxxi tal-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping meta mqabbla ma' dawk tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat, jispjegaw iż-żieda sinifikanti fl-volum ta' importazzjoni Indjan u fis-sehem tas-suq miżmum mill-importazzjonijiet mill-Indja bejn l-2009 u l-PI.

5.3. **Il-qagħda ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

5.3.1. *Kummenti preliminari*

(78) Skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżami tal-impatt tal-importazzjonijiet soġġetti għal dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien jinkludi evalwazzjoni tal-fatturi ekonomiċi kollha li influwenzaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkonċernat.

(79) Kif imsemmi fil-premessa (14), it-teħid ta' kampjuni intuża għall-eżami tad-dannu possibbilment imġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(80) Għall-iskop tal-analiżi tad-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u mikroekonomiċi. F'dan ir-rigward, is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni hija vvalutata abbażi ta' (a) indikaturi makroekonomiċi, jiġifieri l-indikaturi bħalma huma produzzjoni, kapaċità ta' produzzjoni, utilizzazzjoni tal-kapaċità, volum tal-bejgħ, sehem fis-suq u

tkabbir, impjiegi, produttività, id-daqs tal-marġni tad-dumping attwali u l-irkupru minn dumping tal-passat, li għalihom id-dejta kienet miġbura fil-livell tal-industrija totali tal-Unjoni u fuq il-bażi ta' (b) indikaturi mikroekonomiċi, jiġifieri indikaturi bħall-prezzijiet medji tal-unità, il-kost tal-unità, il-profittabilità, il-likwidità, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-abbiltà li jżidu l-kapital, il-ħażniet u l-ispejjeż tax-xogħol, li għalihom id-dejta kienet miġbura fil-livell tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(81) Ta' min isemmi li l-informazzjoni kollha disponibbli rigward l-industrija tal-Unjoni, inkluża l-informazzjoni ppreżentata fl-ilment, id-dejta miġbura mill-produtturi tal-Unjoni qabel u wara l-bidu tal-investigazzjoni, u t-tweġibiet vverifikati tal-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, intużat sabiex tiġi stabbilita l-produzzjoni totali tal-Unjoni għall-perjodu kkunsidrat.

(82) L-indikaturi mikroekonomiċi ġew stabbiliti fuq il-bażi tal-informazzjoni ipprovduta mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun fir-risposti tagħhom tal-kwestjonarju.

5.3.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

(a) Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u utilizzazzjoni tal-kapaċità

(83) Ix-xejriet għall-produzzjoni tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-utilizzazzjoni tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

	2009	2010	2011	PI
Volum tal-produzzjoni (tunnellati)	105 646	140 363	138 795	139 141
Indiċi (2009 = 100)	*100*	*133*	*131*	*132*
Il-kapaċità tal-produzzjoni (tunnellata)	244 236	246 324	245 922	246 599
Indiċi (2009 = 100)	*100*	*101*	*101*	*101*
L-utilizzazzjoni tal-kapaċità (%)	43	57	56	56
Indiċi (2009 = 100)	*100*	*132*	*130*	*130*

Sors: L-ilment, it-tweġibiet għall-kwestjonarju

(84) Il-produzzjoni tal-Unjoni żdiedet bi 32 % matul il-perjodu meqjus li jirrifletti sa ċertu punt l-evoluzzjoni pożittiva tal-konsum. Il-volumi tal-produzzjoni, madankollu, staġnaw bejn l-2010 u l-PI.

(85) Filwaqt li l-kapaċità ta' utilizzazzjoni tjiebet u żdiedet bi 13-il punt perċentwali matul il-perjodu meqjus, il-kapaċità ta' produzzjoni baqgħet fundamentalment stabbli matul il-perjodu kkunsidrat.

(b) Volum ta' bejgħ, sehem mis-suq u tkabbir

(86) Ix-xejriet rigward il-volumi tal-bejgħ, is-sehem mis-suq u t-tkabbir żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

	2009	2010	2011	PI
Volum ta' bejgħ (tunnellati)	88 796	124 641	124 007	124 217
Indiċi (2009 = 100)	*100*	*140*	*140*	*140*
Sehem tas-suq (%)	67,6	66,6	63,1	62,9
Indiċi (2009 = 100)	*100*	*98*	*93*	*93*

Sors: L-ilment, it-tweġibiet għall-kwestjonarju.

(87) Wara żieda konsiderevoli bejn l-2009 u l-2010, fil-kuntest ta' żieda fil-konsum, il-volum ta' bejgħ lil klijenti mhux relatati naqas u ma bbenefikax miż-żieda kontinwa fid-domanda (4,9 % punti perċentwali bejn l-2010 u l-2011). Dan huwa rifless ukoll fix-xejra 'l fuq tal-ħażniet tal-għeluq, li żdiedu b' 41 % matul il-perjodu kkunsidrat kif muri fil-premessa (100) hawn taħt.

(88) Barra minn hekk, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas b' 4,7 punti perċentwali matul il-perjodu meqjus minkejja din iż-żieda kostanti ta' 50 % fil-konsum.

(89) Kif indikat fil-premessa (68) hawn fuq, il-konsum tal-Unjoni kien qiegħed jiżdied b'50 % bejn l-2009 u l-PI, filwaqt li l-importazzjonijiet soġġetti għal dumping żdied b'mod sinifikanti, b'110 % matul l-istess perjodu, kif indikat fil-premessa (70) hawn fuq. It-tkabbir sħiħ tas-suq tal-Unjoni bejn l-2009 u l-PI għalhekk ġie parzjalment assorbit mill-importazzjonijiet soġġetti għal dumping, filwaqt li l-bejgħ tal-Unjoni tal-industrija tal-Unjoni żdied b'40 % matul l-istess perjodu. Dan juri li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibbenefika bis-sħiħ mit-tkabbir fil-konsum tal-Unjoni minħabba ż-żieda fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

(c) L-impjiegi u l-produttività

(90) Minkejja s-sitwazzjoni finanzjarja diffiċli deskritta fil-premessi (94)-(99), l-impjieg tal-industrija tal-Unjoni baqa' relattivament stabbli matul il-perjodu kkunsidrat. Meta wieħed iqis iż-żieda fil-volum ta' produzzjoni (ara l-premessa (84) hawn fuq), il-produttività kif imkejla bħala l-produzzjoni f'tunnellati għal kull persuna impjegata għal kull sena żdiedet bi 30 % matul l-istess perjodu li jissuġġerixxu li l-industrija tal-Unjoni għamlet sforzi sinifikanti biex ittejjeb l-effiċjenza tagħha.

	2009	2010	2011	PI
In-numru ta' impjegati	1 726	1 687	1 729	1 747
Indiċi (2009 = 100)	*100*	*98*	*100*	*101*
Produttività (unità/impjegat)	61	83	80	80
Indiċi (2009 = 100)	*100*	*136*	*131*	*130*

Sors: L-ilment, it-tweġibiet għall-kwestjonarju

(d) Id-daqs tal-marġni ta' dumping attwali u l-irkupru minn dumping fil-passat

(91) Il-marġini tad-dumping ta' tliet produtturi Indjani fil-kampjun li jesportaw huma ogħla mil-livell *de minimis* (ara l-premessa (62) hawn fuq). Meta jitqies is-settur tal-prodott ikkonċernat, il-volum, is-sehem mis-suq u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping mill-Indja, diskussi hawn fuq, l-impatt fuq l-industrija tal-Unjoni tal-marġini reali tad-dumping ma jistax jitqies li huwa negliġibbli.

(92) Huwa mfakkar li fl-1999 ġew imposti miżuri antidumping u kontra s-sussidju [1] dwar il-prodott ikkonċernat. Madankollu, minħabba ż-żmien li għadda bejn l-iskadenza tal-miżuri li ġew introdotti fl-1999 u l-investigazzjoni attwali, ma hemm l-ebda dejta disponibbli biex jiġi evalwat l-effett ta' dumping fil-passat. L-investigazzjoni fi kwalunkwe każ ma ressqitx prova li l-industrija għadha qed tirkupra minn prassi preċedenti ta' dumping.

5.3.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

a) Prezzijiet tal-bejgħ medji għal kull unità fuq is-suq tal-Unjoni u l-ispiża tal-produzzjoni

(93) Il-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żdied bi 34 % matul il-perijodu kkunsidrat. Iż-żieda tirrifletti ż-żieda ġenerali fil-prezz tal-materja prima esperjenzata mill-industrija matul l-istess perjodu. Fl-2011 u matul il-PI il-produtturi tal-Unjoni setgħu iżidu biss moderatament il-prezzijiet biex ikopru ż-żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni, biżżieejd biex iżommu l-profittabilità kemm kemm 'il fuq minn 1 % fl-2011 u f'bilanċ kemm kemm pożittiv fil-PI. Għalhekk, kif jidher fit-tabella hawn fuq, anki żieda sinifikanti fil-prezz tal-bejgħ ma ppermettietx lill-industrija tal-Unjoni tikseb livell raġonevoli ta' profitt.

	2009	2010	2011	PI
Prezz tal-bejgħ ta' unità medju fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati	2 988	3 833	4 185	4 018
Indiċi (2009 = 100)	*100*	*128*	*140*	*134*
Spiża tal-unità tal-produzzjoni (EUR/tunnellata)	3 542	3 931	4 127	4 011
Indiċi (2009 = 100)	*100*	*111*	*117*	*113*

Sors: Risposti għall-kwestjonarju

b) Il-profittabilità, il-likwidità, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-abbiltà li żżid il-kapital.

(94) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-likwidità tal-produtturi tal-Unjoni, l-investiment, ir-redditu fuq l-investimenti u l-abbilità li jiżdied il-kapital żviluppaw kif ġej:

	2009	2010	2011	PI
Profittabilità tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat tal-bejgħ)	– 18,5	– 2,6	1,4	0,2
Likwidità (EUR)	– 19 790 367	– 226 207	7 778 576	5 096 869
Investimenti (EUR)	4 653 604	8 436 096	4 552 443	4 156 522

[1] Ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1599/1999 (ĠU L 189, 22.7.1999, p. 1), (KE) Nru 1600/1999 (ĠU L 189, 22.7.1999. p. 19) u (KE) Nru 1601/1999 (ĠU L 189, 22.7.1999, p. 26).

	2009	2010	2011	PI
Indiċi (2009 = 100)	*100*	*181*	*98*	*89*
Redditu mill-investimenti (%)	– 68,8	– 11,2	6,7	0,8

Sors: Risposti għall-kwestjonarju.

(95) Il-profitabilità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampju ġiet stabbilita billi l-profitt nett qabel it-taxxa mill-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati ġie espress bħala perċentwal tal-fatturat ta' dan il-bejgħ. Fl-2009, il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu qed jagħmlu telf iżda bdew jirkupraw fl-2010 b'konformità maż-żieda b'50 % fil-konsum kif deskritt fil-premessa (68) hawn fuq. Madankollu, anke jekk il-qligħ żdied bi ftit, il-livelli tal-profitti għal 0,2 % kienu għadhom ferm taħt livell raġonevoli ta' profittabilità fis-settur tal-azzar. Fil-fatt, il-marġini ta' profitt immirat ġie proviżorjament stabbilit għal 5 %, għaliex huwa meqjus li jikkorrispondi għall-marġni li tista' tinkiseb b'mod raġonevoli minn industrija ta' dan it-tip fis-settur tal-prodott investigat f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, jiġifieri finnuqqas ta' importazzjonijiet li huma oġġetti ta' dumping, fuq il-bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni kif indikat mill-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk dan il-5 % ikun marġini ta' profitt ta' qabel it-taxxa li kien ikkunsidrat bħala minimu xieraq f'investigazzjoni oħra f'prodotti simili fl-istess settur.

(96) Matul il-PI l-produtturi tal-Unjoni irnexxilhom saħansitra jilħqu l-punt ta' ekwilibriju; madankollu, il-pressjoni fuq il-prezzijiet eżerċitata mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping ma ħallewhomx li jallinjaw il-prezzijiet tagħhom ma' spejjeż u għalhekk biex ikun hemm riżultati sodisfaċenti. Din is-sitwazzjoni hija wkoll spjegata mill-fatt li l-prodott li qed jiġi investigat huwa meqjus bħala komodità u għalhekk il-prezzijiet huma l-fattur prinċipali li jaffettwa l-għażliet tal-klijent.

(97) Il-likwidità, li hija l-ħila tal-industrija li tiffinanzja l-attivitajiet tagħha stess u li kien ikkalkulat abbażi tal-operazzjonijiet, kien negattiv sal-2010. Għalkemm tjieb fl-2011, naqas b' 34 % bejn l-2011 u l-PI.

(98) L-evoluzzjoni tal-profittabilità u l-likwidità matul il-perjodu kkunsidrat illimitat l-abilità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun li jinvestu fl-attivitajiet tagħhom u dgħajjef l-iżvilupp tagħhhom. B'konsegwenza ta' dan l-abilità tal-produtturi tal-Unjoni biex iżidu l-kapital u biex jiffinanzjaw l-ispejjż ġiet imxekkla. Għalkemm il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun irnexxielhom jagħmlu xi investimenti relatati mal-prodott simili fl-2010, dawn naqsu minn hemm 'il quddiem u b'mod partikolari matul l-IP meta naqsu b' 51 % meta mqabbla mal-livelli tal-2010. Barra minn hekk, anke jekk ir-redditu fuq l-investiment, espress bħala l-profitt f'perċentwali tal-valur nett deprezzat tal-investimenti, sar pożittiv fl-2011, naqas b'mod konsiderevoli, b' 5,9 punti perċentwali matul l-IP, u laħaq livell baxx ta' 0,8 %.

(99) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, jista' jiġi konkluż li l-prestazzjoni finanzjarja tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun baqa' pjuttost fraġili matul il-PI.

c) Ħażniet

(100) Il-livell tal-ħażniet tal-industrija tal-Unjoni żdied b'41 % matul il-perjodu kkunsidrat. iż-żjieda kkoinċidiet ma' telf fis-sehem mis-suq, b'mod partikolari matul il-PI.

	2009	2010	2011	PI
Il-ħażniet tal-għluq (tunnellata)	4 395	5 289	5 469	6 214
Indiċi (2009 = 100)	*100*	*120*	*124*	*141*

Sors: Risposti għall-kwestjonarju.

d) L-ispejjeż tax-xogħol

(101) Il-medja tal-ispejjeż tax-xogħol tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żdied b'mod modest matul il-perjodu kkunsidrat għalhekk ma jirrappreżentawx fattur determinanti fiż-żieda fl-ispiża ta' produzzjoni.

	2009	2010	2011	PI
Nefqa medja tax-xogħol għal kull impjegat (EUR)	52 356	57 182	55 907	54 509
Indiċi (2009 = 100)	*100*	*109*	*107*	*104*

Sors: Risposti għall-kwestjonarju.

5.4. **Il-konklużjoni dwar id-dannu**

(102) l-investigazzjoni uriet li l-industrija tal-Unjoni ma bbenefikatx bis-sħiħ miż-żieda fil-konsum matul il-perijodu kkunsidrat u b'mod partikolari matul il-PI. Inizjalment, bejn l-2009 u l-2010, il-parti l-kbira tal-indikaturi tad-dannu li jikkaratterizzaw l-industrija tal-Unjoni ġeneralment tjiebet iżda, sussegwentement, is-sitwazzjoni ekonomika tagħha jew staġnat jew saħansitra marret għall-aġħar.

(103) Fil-fatt, fil-kuntest ta' suq li qed jikber u jissaħħaħ, ċerti indikaturi bħalma huma l-produzzjoni u l-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żdiedu b'mod sinifikanti bejn l-2009 u l-2010 iżda mbagħad irreġistraw tnaqqis mill-2010 'l quddiem. Din is-sitwazzjoni seħħet minkejja żieda kontinwa fil-konsum.

(104) Barra minn hekk, l-indikaturi tad-dannu relatati mal-prestazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni bħal-likwidità, l-investiment u l-profitabilità ġew affettwati b'mod serju mill-pressjoni fuq il-prezzijiet li ppredomina fis-suq tal-Unjoni, b'mod partikolari, matul il-PI. L-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tagħha biżżejjed sabiex tkopri l-ispejjeż tagħha ta' produzzjoni bejn l-2009 u l-2010. Il-profittabbiltà kienet qed titjib bejn l-2009 u l-2011 billi tagħmel profitt żgħir ta' 1,4 % fl-2011; madankollu, hija reġgħet bdiet tiddeterjora matul il-PI meta laħqet biss livell ta' ekwilibriju. Dan ifisser li l-abilità tal-industrija tal-Unjoni biex issib il-kapital u biex tinvesti ġiet imxekkla wkoll.

(105) Fid-dawl ta' dak li ssemma, huwa konkluż proviżorjament li l-industrija tal-Unjoni sofriet dannu materjali fis-sens tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

6. **KAWŻALITÀ**

6.1. **Introduzzjoni**

(106) Skont l-Artikolu 3(6) u (7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet li kienu oġġett ta' dumping mill-Indja kkawżawx dannu lill-industrija tal-Unjoni sa tali punt li jkun jista' jiġi kklassifikat bħala materjali. Il-fatturi magħrufa minbarra l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping, li fl-istess ħin jistgħu jkunu qegħdin jikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni, ġew eżaminati ukoll sabiex jiġi żgurat li dannu possibbli kkawżat minn dawn il-fatturi l-oħra ma jkunx ġie attribwit lill-importazzjonijiet li huma oġġetti ta' dumping.

6.2. **L-effett tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping**

(107) L-investigazzjoni wriet li l-konsum tal-Unjoni żdied b'50 % matul il-perjodu kkunsidrat u fl-istess ħin il-volum tal-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Indja żdied aktar mid-doppju. Min-naħa l-oħra, iż-żieda fl-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping ikkoinċidiet ma' tnaqqis fil-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni lil partijiet mhux relatati bejn l-2010 u l-PI.

(108) Fir-rigward tal-pressjoni tal-prezz prevalenti fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat, instab li l-prezzijiet medji tal-importazzjoni mill-Indja baqgħu kostantement aktar baxxi mill-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Bit-twaqqigħ tal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'medja ta' 15 % matul il-PI, importazzjonijiet Indjani li huma l-oġġett ta' dumping żiedu s-sehem tas-suq tagħhom minn l-2009 u l-PI b' 40 %, filwaqt li s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas b' 4,7 punti perċentwali (minn 67,6 % fl-2009 għal 62,9 % fil-PI). It-telf fis-sehem tas-suq juri li l-industrija tal-Unjoni setgħet tibbenefika miż-żieda fil-konsum biss sa ċertu punt.

(109) Minħabba l-ispiża ta' produzzjoni li dejjem tiżdied, l-industrija tal-Unjoni ppruvat iżżid il-prezz tal-unità lil klijenti mhux relatati kif muri fil-premessa (93) hawn fuq. Madankollu, minħabba l-pressjoni fuq il-prezzijiet ikkawżata mill-ammonti li qed jiżdiedu ta' importazzjonijiet Indjani li huma l-oġġett ta' dumping kif iddikjarat hawn fuq, iż-żieda fil-prezz ma kinitx biżżejjed biex issostni l-ispejjeż dejjem jiżdiedu, għalhekk l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tilħaq livelli ta' profitt sodisfaċenti li jistgħu jkunu meqjusa bħala meħtieġa għal din l-industrija partikolari.

(110) Abbażi ta' li ntqal hawn fuq, il-konklużjoni hija li ż-żieda tal-importazzjonijiet li huma oġġetti ta' dumping mill-Indja bi prezzijiet li b'mod kostanti waqqgħu dawk tal-industrija tal-Unjoni kellhom rwol determinanti fid-dannu materjali li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

6.3. **L-effett ta' fatturi oħrajn**

6.3.1. *L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

Pajjiż		2009	2010	2011	PI
Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (Ir-RPĊ)	Volum (tunnellati)	8 129	10 853	14 360	16 403
	Indiċi (2009 = 100)	*100*	*134*	*177*	*202*
	Sehem mis-suq (%)	6,2	5,8	7,3	8,3

Pajjiż		2009	2010	2011	PI
	Indiċi (2009 = 100)	*100*	*94*	*118*	*134*
	Prezz medju	1 914	2 607	2 835	2 508
	Indiċi (2009 = 100)	*100*	*136*	*148*	*131*
L-Isvizzera	Volum (tunnellati)	8 094	10 700	9 187	9 115
	Indiċi (2009 = 100)	*100*	*132*	*113*	*113*
	Sehem mis-suq (%)	6,2	5,7	4,7	4,6
	Indiċi (2009 = 100)	*100*	*93*	*75*	*75*
	Prezz medju	3 423	4 063	4 475	4 360
	Indiċi (2009 = 100)	*100*	*119*	*131*	*127*
Ir-Repubblika tal-Korea					
	Volum (tunnellati)	4 900	6 775	6 355	6 266
	Indiċi (2009 = 100)	*100*	*138*	*130*	*128*
	Sehem mis-suq (%)	3,7 %	3,6 %	3,2 %	3,2 %
	Indiċi (2009 = 100)	*100*	*97*	*87*	*85*
	Prezz medju	3 717	4 165	4 761	4 627
	Indiċi (2009 = 100)	*100*	*112*	*128*	*124*
Total tal-pajjiżi terzi kollha għajr l-Indja					
	Volum (tunnellati)	25 793	33 586	35 749	37 712
	Indiċi (2009 = 100)	*100*	*130*	*139*	*146*
	Sehem mis-suq (%)	19,6	17,9	18,2	19,1
	Indiċi (2009 = 100)	*100*	*91*	*93*	*97*
	Prezz medju	3 609	4 214	4 748	4 483
	Indiċi (2009 = 100)	*100*	*117*	*132*	*124*

(111) Apparti mill-importazzjonijiet mill-Indja li jikkostitwixxu 48 % tal-importazzjonijiet kollha fis-suq tal-Unjoni matul il-PI, kien hemm sorsi oħra ta' importazzjonijiet, inkluża r-Repubblika Popolari taċ-Ċina, il-Korea u l-Isvizzera, li kellhom jiġu eżaminati fil-kuntest ta' din ir-rabta kawżali.

(112) L-investigazzjoni wriet li l-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-produtturi esportaturi Koreani u Svizzeri baqgħu ogħla mill-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi esportaturi Indjani u dawk tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat u, b'mod partikolari, matul il-PI. Barra minn hekk, is-sehem tas-suq tagħhom żdied b' 0.5 u 1.6 punti perċentwali rispettivament matul il-PI.

(113) Il-prezz medju mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina kien taħt il-livell tal-prezz tal-industrija tal-Unjoni u s-sehem tas-suq ta' dak il-pajjiż wera xejra li qed tiżdied waqt il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, l-investigazzjoni wriet li t-taħlita tal-prodott irrappreżentat mill-importazzjonijiet Ċiniżi huwa differenti u li l-prodotti Ċiniżi ma kinux

f'kompetizzjoni diretta ma' dawk tal-industrija tal-Unjoni jew dawk ta' oriġini Indjana. Għalhekk tqies li l-esportazzjonijiet Ċiniżi ma setgħux ikollhom impatt sinifikanti fuq it-tipi ta' prodotti ewlenin mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni. Għalhekk, kwalunkwe effett li l-importazzjonijiet miċ-Ċina seta' kellu fuq id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni kien wieħed minimu.

(114) Barra minn hekk, produttur esportatur iddikjara li l-importazzjonijiet ta' wajers tal-azzar inossidabbli mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ir-Repubblika tal-Korea u l-Isvizzera kellhom jiġu inklużi fl-ambitu ta' din l-investigazzjoni.

(115) Minbarra l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet mogħtija hawn fuq, ta' min jinnota li, fl-istadju tal-inizjazzjoni u sa issa, ma hemm l-ebda evidenza ta' dumping, dannu u jew rabta kawżali jew li kienu jiġġustifikaw il-bidu ta' proċediment antidumping fir-rigward ta' importazzjonijiet li joriġinaw fil-pajjiżi msemmija hawn fuq. Barra minn hekk, anke jekk ikun hemm evidenza li tiġġustifika l-investigazzjoni ta' importazzjonijiet oħra, differenza fit-trattament li jikkonsisti fil-ftuħ ta' proċediment antidumping kontra l-importazzjonijiet Indjani biss mhux se jikkwalifika bħala diskriminatorju. L-affermazzjoni li dawn il-pajjiżi kellhom jiġu inklużi fl-ambitu tal-investigazzjoni għalhekk hija bla bażi u qed tiġi miċħuda.

(116) Fuq il-bażi ta' hawn fuq, huwa konklużż li l-esportazzjonijiet minn pajjiżi terzi ma kkontribwewx b'mod sinifikanti għad-dannu li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

6.3.2. *Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni*

(117) L-esportazzjonijiet totali tal-prodott ikkonċernat mill-industrija tal-Unjoni kienu jirrappreżentaw 8,5 % tal-produzzjoni totali fil-PI. Din is-sitwazzjoni hija riflessa minn esportazzjonijiet lil klijenti mhux relatati mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun li l-esportazzjonijiet tagħhom irrappreżentaw 7 % tal-produzzjoni fl-IP u l-prezzijiet kienu 36 % ogħla minn dawk fis-suq tal-UE fl-istess perjodu. Abbażi ta' dan, jista' jiġi konklużż li l-attività tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tkun il-kawża potenzjali ta' dannu materjali.

6.3.3. *Il-kriżi ekonomika u l-prezzijiet tal-materja prima*

(118) Kif imsemmi fil-premessa (68)hawn fuq, il-konsum fl-2009 kien partikolarment baxx minħabba l-livell tal-prezzijiet għolja eċċezzjonali ta' nikil u l-effetti tal-kriżi ekonomika. Din is-sitwazzjoni ċertament tispjega b'mod partikolari l-istat finanzjarju ħażin tal-industrija tal-Unjoni fl-2009. Madankollu, ta' min jinnota li f'sitwazzjoni ta' konsum li qed jiżdied mill-2010 'il quddiem, il-prestazzjonijiet ta' importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping bi prezz baxx huma f'kuntrast ma' dawk tal-industrija tal-Unjoni.

(119) L-investigazzjoni wriet li anke matul l-irkupru ekonomiku ġenerali, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibbenefika miż-żieda fil-konsum u kienet qed titlef fis-sehem tas-suq matul il-perjodu meqjus, filwaqt li l-esportazzjonijiet Indjani li huma l-oġġett ta' dumping kisbu aktar sehem mis-suq.

(120) Għaldaqstant, minkejja li l-kriżi ekonomika setgħet ikkontribwiet għall-prestazzjoni fqira tal-industrija tal-Unjoni, b'mod ġenerali, ma jistax jiġi kkunsidrat li din kellha impatt tant li tkisser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u s-sitwazzjoni ta' dannu materjali li sofriet l-industrija tal-Unjoni, b'mod partikolari, matul il-PI.

6.4. **Il-konklużżjoni dwar il-kawżalità**

(121) Intwera li kien hemm żieda sostanzjali fil-volum u fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping li joriġinaw miill-Indja fil-perjodu kkunsidrat (b'110 % u 40 % rispettivament). B'żieda ma' dan, instab li dawn l-importazzjonijiet kienu b'mod kostanti qed iwaqqgħu l-prezzijiet mitluba mill-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni u, b'mod partikolari, matul il-PI (fuq medja b'15 %).

(122) Din iż-żieda fil-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Indja li huma l-oġġett ta' dumping, seħħet fl-istess żmien meta kien hemm żvilupp kajman fis-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni b'mod partikolari mill-2010. Għalhekk, minkejja l-irkupru tal-konsum, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tgħaddi żżieda fl-ispiża tal-produzzjoni għall-klijent tagħha għal livell sodisfaċenti u konsegwentement indikaturi finanzjarji bħall-profitabilità, il-likwidità u l-investiment baqgħu f'livelli baxxi.

(123) L-eżami tal-fatturi l-oħra magħrufa li setgħu kkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni żvela li dawn il-fatturi mhumiex tali li jkissru r-rabta kawżali stabbilita bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Indja u d-dannu li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

(124) Fuq il-bażi tal-analiżi ta' hawn fuq, li ddistingwiet u sseparat l-effetti tal-fatturi kollha magħrufa fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, huwa konklużż b'mod proviżorju li l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Indja kkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku.

7. **L-INTERESS TAL-UNJONI**

7.1. **Kunsiderazzjonijiet ġenerali**

(125) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk, minkejja s-sejba proviżorja ta' dumping li jikkawża dannu, jeżistu raġunijiet b'saħħithom biex jiġi konklużż li mhuwiex fl-interess tal-Unjoni li jiġu adottati miżuri f'dan il-każ partikolari. L-analiżi tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq l-apprezzament tal-bosta interessi involuti, jiġifieri dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi u tal-utenti.

7.2. **L-interess tal-industrija tal-Unjoni**

(126) L-industrija tal-Unjoni bħala entità sħiħa hija magħmula minn 27 produttur magħrufa li jirrappreżentaw il-produzzjoni kollha tal-prodott simili. Il-produtturi jinsabu fi Stati Membri differenti tal-Unjoni, u jimpjegaw direttament 1 747 persuna b'rabta mal-prodott simili matul il-PI.

(127) Produttur wieħed tal-Unjoni, li jirrappreżenta sehem relattivament żgħir tal-produzzjoni tal-Unjoni u li għandu kumpanija relatata fl-Indja oppona l-bidu tal-investigazzjoni. Kif imsemmi fil-premessa (22), gie argumentat ukoll li dawn il-prodotti tekniċi ħafna m'għandhomx ikunu koperti u li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li timponi l-istess miżuri fuq dan it-tip ta' prodott.

(128) Kif imsemmi fil-premessa (72) dan it-tħassib kien indirizzat fil-kwestjonarju billi jkabbru l-PCN li jidentifikati b'mod ċar dawn it-tipi fl-investigazzjoni. Madankollu, f'dan l-istadju, l-investigazzjoni wriet li prodotti tekniċi ħafna kienu koperti mill-investigazzjoni u li produtturi Indjani li jesportaw esportaw biss kwantitajiet limitati ta' dawn it-tipi ta' prodotti. Għalhekk, it-tħassib espress minn dan il-produttur ma kinux ikkunsidrati bħala ġustifikati u t-talba tiegħu ġiet irrifjutata.

(129) Ġie stabbilit li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali kkawżata mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Indja. Ta' min ifakkar li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibbenefika bis-sħiħ miż-żieda fil-konsum u l-qagħda finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni baqgħet fraġli.

(130) Huwa mistenni li l-impożizzjoni ta' dażji antidumping għandha trodd lura kundizzjonijiet kummerċjali ġusti fis-suq tal-Unjoni, li tippermetti lill-industrija tal-Unjoni tallinja l-prezzijiet tal-prodott simili mal-ispejjeż tal-produzzjoni.

(131) Jista' jkun mistenni wkoll li l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji għandhom jippermettu lill-industrija tal-Unjoni tirkupra tal-anqas parti mis-sehem mis-suq mitluf matul il-perjodu kkunsidrat, b'impatt pożittiv fuq il-profittabilità tagħha u l-qagħda finanzjarja tagħha b'mod ġenerali. -impożizzjoni ta' miżuri tippermetti li l-industrija żżomm u tiżviluppa aktar l-isforzi tagħha biex tkun kost effiċjenti.

(132) Jekk il-miżuri ma jiġux imposti, huwa mistenni aktar telf fis-sehem mis-suq u l-profittabilità tal-industrija tal-Unjoni tibqa' sejra lura.

(133) Għaldaqstant, ġie konkluż b'mod proviżorju li l-impożizzjoni ta' dazji antidumping minn importazzjonijiet li joriġinaw fl-Indja tkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

7.3. **L-interess tal-utenti**

(134) Kwestjonarji ntbagħtu lil disa' utenti fl-Unjoni. Tlieta biss wieġbu għall-kwestjonarju li jirrappreżenta madwar 6 % tal-importazzjonijiet totali mill-Indja tal-prodott ikkonċernat matul il-PI. Dawn huma preżenti fis-setturi li jirrigwardaw l-ipproċessar tal-ikel inklużi kċejjen kummerċjali u catering, tagħmir tad-dar, l-industrija tal-karozzi.

(135) Fuq medja, ix-xiri mill-Indja kkostitwixxa madwar 67 % tax-xiri totali tagħhom tal-prodott ikkonċernat, u l-Indja rrappreżenta is-sors ta' provista esklussiva biss għal utent wieħed. Matul il-PI, il-medja perċentwali tal-fatturat li jinkorpora l-prodott ikkonċernat irrappreżenta 54 % tal-fatturat totali tagħhom.

(136) L-investigazzjoni wriet li, matul il-PI, il-profitabilità medja tal-utenti li kkooperaw kollha fis-setturi li jużaw il-prodott ikkonċernat kienet ogħla minn 9 % fuq il-fatturat.

(137) L-effett probabbli tal-miżuri proposti ġiet ivvalutata abbażi tar-risposti għall-kwestjonarju li waslu mingħand l-utenti u s-suq totali tal-Unjoni tal-prodott ikkonċernat u l-prodott simili. Jekk wieħed jassumi li l-agħar xenarju għas-suq tal-Unjoni, jiġifieri li l-ebda żieda fil-prezz ma tista' tkun mgħoddija lill-katina ta' distribuzzjoni u li l-utenti jkollhom ikomplu jixtru mill-Indja f'volumi preċedenti, l-impatt tad-dazju fuq il-profitabilità tal-utenti ikun ifisser tnaqqis ta' madwar 1,2 punti perċentwali.

(138) Għandu jiġi nnutat li utent wieħed kellu pożizzjoni newtrali fir-rigward tal-investigazzjoni miħabba li jqis li l-impożizzjoni ta' miżuri ma jkollha l-ebda effett sinifikanti fuq il-prezzijiet tas-suq billi ż-żieda potenzjali fil-prezz tiġi assorbita mid-distributuri.

(139) Utent ieħor esprima tħassib li, jekk ikunu imposti, miżuri jolqtu ukoll ċerti tipi ta' prodotti li m'għadhomx prodotti fl-Unjoni. L-investigazzjoni wriet, madankollu li t-tipi ta' prodotti msemmija minn dan l-utent għadhom prodotti fl-Unjoni u li d-domanda ta' dawk it-tipi ta' gradi ta' azzar inossidabbli mhijiex sinifikanti. Barra minn hekk, ta' min jinnota li l-produtturi tal-Unjoni ma pproduċewx bil-kapaċità sħiħa tagħhom matul il-perjodu kkunsidrat, u għalhekk jekk id-domanda tiżdied il-produzzjoni tista' ssegwi skont dan.

(140) Ta' min jinnota li billi l-prodott ikkonċernat huwa standardizzat f'termini ta' settur u l-użu, l-utenti jistgħu faċilment ibiddlu s-sorsi tal-provista tagħhom fejn il-kwalità tal-prodott, jew il-prezz huma kkonċernati. L-impożizzjoni ta' miżuri m'għandhiex tipprekludi l-possibbiltà ta' importazzjoni tal-prodott ikkonċernat minn pajjiżi oħra u anke mill-Indja ladarba l-effetti li jgħawġu l-kummerċ minħabba dumping jiġu eliminati.

(141) Meta jiġi kkunsidrat dan li ntqal hawn fuq, anki jekk xi utenti x'aktarx se jiġu affettwati aktar minn oħrajn b'mod negattiv bil-miżuri fuq l-importazzjonijiet mill-Indja, l-impatt ġenerali fuq l-utenti huwa kkunsidrat bħala wieħed limitat.

7.4. **L-interess tal-importaturi**

(142) Kooperazzjoni limitata inkisbet minn importaturi mhux relatati. Disa' importaturi pprovdew it-tagħrif għat-tehid ta' kampjuni, iżda wieħed biss ikkoopera. Din il-kumpanija rrappreżentat madwar 7 % tal-importazzjonijiet totali mill-Indja matul il-PI. Il-kumpanija topponi l-impożizzjoni tal-miżuri billi l-Indja hija bil-bosta l-aktar fornitur importanti tagħha. Għalkemm l-impożizzjoni tal-miżuri jkollha impatt negattiv fuq il-profitabilità tagħha

minħabba spejjeż ogħla li jiġu mġarrba, il-kumpanija ta' importazzjoni għandha tkun f'pożizzjoni li tgħaddi mill-inqas parti miż-żieda fl-ispiża lil konsumaturi tagħha.

(143) Barra minn hekk, l-importaturi jistgħu jibdlu għal sorsi oħra inklużi l-industrija tal-Unjoni u pajjiżi esportaturi oħra.

(144) Abbażi ta' dan, huwa proviżorjament konkluż li l-impożizzjoni ta' miżuri antidumping proviżorji mhux se jkollha effetti negattivi sostanzjali fuq l-interess tal-importaturi.

7.5. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(145) Fid-dawl ta' dak t'hawn fuq, ġie proviżorjament konkluż li ġeneralment, abbażi tat-tagħrif disponibbli li jikkonċerna l-interess tal-Unjoni, m'hemm l-ebda raġunijiet sinifikanti kontra l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-Indja.

(146) Barra minn hekk, meta wieħed iqis l-impatt globali tal-miżuri antidumping fuq is-suq tal-Unjoni, l-effetti pożittivi, b'mod partikolari fuq l-industrija tal-Unjoni jidhru li jegħlbu l-impatti negattivi potenzjali fuq il-grupp ta' interess l-ieħor aktar limitat.

8. **PROPOSTA GĦALL-MIŻURI PROVIŻORJI ANTIDUMPING**

(147) Fid-dawl tal-konklużjonijiet li ntlaħqu fir-rigward tad-dumping, id-dannu, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni, għandhom jiġu imposti miżuri antidumping proviżorji sabiex ma jiġix ikkawżat aktar dannu lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

8.1. **Il-livell ta' tneħħija tad-dannu**

(148) Sabiex jiġi determinat il-livell ta' dawn il-miżuri, għandha tingħata kunsiderazzjoni lill-marġnijiet tad-dumping li nstabu u l-ammont ta' dazju neċessarju sabiex jiġi eliminat id-dannu sofrut mill-industrija tal-Unjoni.

(149) Meta kien qed jiġi kkalkulat l-ammont ta' dazju meħtieġ biex jitneħħew l-effetti tad-dumping ta' dannu, tqies li kwalunkwe miżura li tittieħed għandha tippermetti lill-industrija tal-Unjoni tkopri l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħha u tikseb profitt qabel it-taxxa li jista' jinkiseb b'mod raġonevoli minn industrija ta' dan it-tip fis-settur f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, jiġifieri finnuqqas ta' importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping, fuq il-bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni.

(150) Għalhekk, il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu ġie kkalkulat abbażi ta' paragun tal-prezz medju peżat tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, kif stabbilit għall-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz fil-premessa (77) hawn fuq, u l-prezz mhux dannuż tal-prodott simili għall-industrija tal-Unjoni. Il-prezz mhux dannuż ġie stabbilit billi ġie miżjud mal-ispiża tal-produzzjoni livell raġonevoli ta' profitt. Il-marġini ta' profitt ta' mira ġie proviżorjament stabbilit għal 5 % kif iddikjarat fil-premessa (95).

(151) Kwalunkwe differenza li rriżultat minn dan it-tqabbil imbagħad ġiet espress bħala perċentwal tal-valur medju tal-importazzjoni CIF totali ara l-premessa (154).

8.2. **Miżuri proviżorji**

(152) Fid-dawl ta' dak imsemmi, huwa meqjus li, skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, għandhom jiġu imposti dazji proviżorji antidumping fir-rigward tal-importazzjonijiet li joriġinaw mill-India fil-livell tal-marġini l-aktar baxxi ta' dumping u dannu, skont ir-regola tal-anqas dazju.

(153) F'dak li jirrigwarda l-investigazzjoni dwar l-antidumping, f'konformità mal-Artikolu 14(1), it-tieni subparagrafu tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 24(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tat-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] l-ebda prodott m'għandu jkun suġġett kemm għal dazji antidumping kif ukoll għal dazji kompensatorji għall-iskop ta' trattament tal-istess sitwazzjoni unika maħluqa minn dumping u minn sussidju tal-esportazzjoni. L-iskemi ta' sussidju kollha indirizzata f'Regolament proviżorju kontra s-sussidju [2] jirreferu għal sussidju tal-esportazzjoni. Ir-rati proviżorji relevanti ta' dażji antidumping tal-produtturi li jikkooperaw ikkonċernati huma għalhekk aġġustati kif suppost.

(154) Fuq il-bażi ta' dak ta' hawn fuq, ir-rati proviżorji tad-dazji antidumping ġew stabbiliti permezz tat-tqabbil tal-marġni tat-tneħħija tad-dannu, il-marġni tad-dumping u r-rati ta' dazju ta' kontrobilanċ. Għaldaqstant, id-dazji proviżorji antidumping huma kif ġej:

(f %)

Kumpanija	Marġini tad-dannu	Il-marġni tad-dumping	Rata ta' dazju kompensatorju	Id-dazju proviżorju antidumping
Rajaraatna Metal Industries	17,2	32,3	4,3	12,9
Venus group	26,1	30,4	3,2	22,9
Viraj Profiles	32,1	24,4	0,0	24,4
Kumpaniji li kooperaw mhux inklużi fil-kampjun	24,0	28,0	3,8	20,2
Il-kumpaniji l-oħra kollha	32,1	32,3	4,3	27,8

[1] ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93.
[2] Ara paġna 19 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(155) Ir-rati tad-dazju antidumping ta' kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tas-sejbiet tal-investigazzjoni preżenti. Għalhekk, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni misjuba matul dik l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati ta' dazju (għall-kuntrarju tad-dazju mal-pajjiż kollu applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha") huma għalhekk applikabbli esklużivament għal importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw mill-Indja u prodotti mill-kumpaniji u għalhekk mill-entitajiet ġuridiċi speċifiċi msemmija. Il-prodotti importati manifatturati minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, bl-isem u l-indirizz tagħha, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmija speċifikament, ma jistgħux jibbenifikaw minn dawn ir-rati u għandhom ikunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

(156) Kwalunkwe pretensjoni li titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati ta' dazju antidumping tal-kumpanniji individwali (eż. wara bidla fl-isem tal-entità jew wara l-istabbiliment ta' entitajiet ġodda tal-produzzjoni jew bejgħ) għandha tiġi indirizzata lill-Kummissjoni [1] flimkien mal-informazzjoni kollha rilevanti, b'mod partikolari kwalunkwe bidla fl-attivitajiet tal-kumpanija marbuta mal-produzzjoni, bejgħ domestiku u esportat assoċjat, per eżempju, ma' dik il-bidla fl-isem jew dik il-bidla fl-entitajiet tal-produzzjoni jew tal-bejgħ. Jekk ikun xieraq, ir-Regolament se jiġi emendat skont il-każ billi tiġi aġġornata l-lista ta' kumpaniji li jgawdu mir-rati tad-dazju individwali.

(157) Sabiex jiġi żgurat infurzar xieraq tad-dazju antidumping, il-livell ta' dazju residwali mhux biss għandu japplika għall-produtturi esportaturi li ma kkoperawx iżda wkoll għal dawk il-produtturi li ma kellhomx esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-PI.

9. **DISPOŻIZZJONI FINALI**

(158) Fl-interessi ta' amministrazzjoni tajba, għandu jiġi ffissat perjodu li fih il-partijiet interessati li ppreżentaw ruħhom fil-limitu ta' żmien speċifikat fl-avviż tal-bidu jkunu jistgħu jagħtu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u jitolbu smigħ. Barra minn hekk, għandu jingħad li s-sejbiet dwar l-impożizzjoni ta' dazji antidumping għall-finijiet ta' dan ir-Regolament huma proviżorji u jistgħu jiġu kkunsidrati mill-ġdid għall-finijiet ta' kwalunkwe sejbiet definittivi.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju proviżorju antidumping huwa b'dan impost fuq importazzjonijiet ta' wajers tal-azzar inossidabbli li:

— 2,5 % jew iktar tal-piż tiegħu huwa nikil, ħlief wajer li fih 28 % jew iktar imma mhux iktar minn 31 % tal-piż tiegħu huwa nikil u 20 % jew iktar imma mhux iktar minn 22 % tal-piż tiegħu huwa kromju,

— inqas minn 2,5 % tal-piż tiegħu huwa nikil, ħlief fil li 13 % jew iktar imma mhux iktar minn 25 % tal-piż tiegħu huwa kromju u 3,5 % jew iktar imma mhux iktar minn 6 % tal-piż tiegħu huwa aluminju,

li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM 7223 00 19 u 7223 00 99 u li joriġina fl-Indja.

2. Ir-rati tad-dazju proviżorju antidumping applikabbli għall-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u manifatturat mill-kumpaniji hawn taħt se tkun:

Kumpanija	Dazju (%)	Kodiċi addizzjonali TARIC
Raajratna Metal Industries, Ahmedabad, Gujarat	12,9	B775
Venus Wire Industries Pvt. Ltd, Mumbai, Maharashtra	22,9	B776
Precision Metals, Mumbai, Maharashtra	22,9	B777
Hindustan Inox Ltd., Mumbai, Maharashtra	22,9	B778
Sieves Manufacturer India Pvt. Ltd., Mumbai, Maharashtra	22,9	B779
Viraj Profiles Vpl. Ltd., Thane, Maharashtra	24,4	B780
Il-kumpaniji elenkati fl-Anness	20,2	B781
Il-kumpaniji l-oħra kollha	27,8	B999

3. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fl-Unjoni tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għall-provista ta' titolu ekwivalenti għall-ammont tad-dazju proviżorju.

4. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazju doganali.

Artikolu 2

1. Bla ħsara għall-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, il-partijiet interessati jistgħu jagħmlu talba għall-iżvelar tal-fatti u tal-konsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġie adottat dan ir-Regolament, jagħtu fehmiethom bil-miktub u japplikaw biex jinstemgħu oralment mill-Kummissjoni fi żmien xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta dan ir-Regolament.

2. Skont l-Artikolu 21(4) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, il-partijiet ikkonċernati jistgħu jikkummentaw fuq l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fi żmien xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

[1] European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate H, Office N105 8/20, 1049 Bruxelles/Brussel, BELGIQUE/BELGIË.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament għandu japplika għal perjodu ta' sitt xhur.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Mejju 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

Produtturi esportaturi Indjani li kkooperaw li mhumiex parti mill-kampjun

Il-Kodiċi Addizzjonali TARIC B781

Isem l-impriża	Belt
Bekaert Mukand Wire Industries	Lonand, tal. Khandala, Satara District, Maharastra
Bhansali Bright Bars Pvt. Ltd.	Mumbai, Maharashtra
Bhansali Stainless Wire	Mumbai, Maharashtra
Chandan Steel	Mumbai, Maharashtra
Drawmet Wires	Bhiwadi, Rajastan
Garg Inox Ltd	Bahadurgarh, Haryana
Jyoti Steel Industries Ltd.	Mumbai, Maharashtra
KEI Industries	New Delhi
Macro Bars and Wires	Mumbai, Maharashtra
Mukand Ltd.	Thane
Nevatia Steel & Alloys Pvt. Ltd.	Mumbai, Maharashtra
Panchmahal Steel Ltd.	Dist. Panchmahals, Gujarat